**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Gunju, 2018**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 804/2012**

**The Performing Right Society Limited ta’ Londra, l-Ingilterra, rapprezentata lokalment mill-agent taghha Dingli Co. International Limited**

**vs**

**Karl Borg, bhala uniku proprjetarju tad-ditta Karl Borg Events**
**Roy Steer; u**
**Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jennifer Farrugia bhala socji tas-socjeta civili bl-isem RS and Partners**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tad-9 ta’ Awwissu, 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti hija kostitwita u tiffunzjona bhala 'Collecting Society' fl-ambitu tal-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur ossia copright, u hija debitament awtorizzata sabiex topera bhala tali f'Malta mill-Bard Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Dokument PRS-2) ai termini tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur u tar-Regolamenti rilevanti maghmula bis-sahha tal-istess.

2. Illi fit-3 ta' Awwissu 2010, l-intimati jew min minnhom organizzaw kuncert muzikali titolat "Rod Stewart" li sar fuq il-Fosos tal-Furjana, f'liema kuncert gew ipprezentati lill-pubbliku diversi xoghlijiet muzikali tutelati bid-drittijiet tal-awtur vestiti fis-socjeta rikorrenti u f'Collecting Societies ohra affiljati maghha.

3. Illi fl-11 ta' Gunju 2010 fuq talba tal-intimat Karl Borg illi kien irrapprezenta ruhu bhala l-organizzatur tal-fuq imsemmi kuncert, inharget licenzja numerata P 011300 (Dokument PRS-3) mis-socjeta rikorrenti a favur tad-ditta Karl Borg Events, li permezz taghha l-istess Karl Borg Events giet awtorizzata tesegwixxi pubblikament ix-xoghlijiet muzikali kollha fir-repertorju tas-socjeta rikorrenti kif ukoll tas-socjetajiet affiljati maghha. Dana skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-imsemmija licenzja.

4. IIli in kunsiderazzjoni tal-hrug tal-fuq imsemmija licenzja, kellhom jithallsu lis-socjeta rikorrenti drittijiet ossia 'royalties' fl-ammont ekwivalenti ghal sitta fil-mija (6%) tad-dhul ("admission receipts") mill-kuncert fuq riferit, skond it-Tariffa applikabbli (Dokument PRS-4) tas-socjeta rikorrenti, kif ukoll kellha tigi sottomessa lis-socjeta rikorrenti, lista tax-xoghlijiet muzikali kollha illi jkunu gew esegwiti pubblikament fil-kuncert.

5. Illi ghalkemm l-intimat Karl Borg kien debitatment issottometta lis-socjeta rikorrenti l-lista tax-xoghlijiet muzikali esegwiti pubblikament fil-kuncert, u dana permezz tal-email tieghu datata 22 ta' Settembru 2010 (Dokument PRS-5), ma giet sottomessa lis-socjeta rikorrenti l-ebda rendikont finanzjarju indikanti d-dhul rikavat mill-kuncert in kwistjoni, wisq anqas ma thallsu xi drittijiet ossia 'royalties' lill-istess socjeta; rikorrenti da parti tal-intimati ai termini tal-licenzja.

6. Illi ghall-kuntrarju, l-intimat Karl Borg kien sussegwentament irritjena, tramite email datat 12 ta' Marzu 2011 (Dokument PRS-6) mibghuta ghan-nom tieghu mill-Avukat Antonio Depasquale in segwitu ghall-ittra ufficjali prezentata kontra l-intimati kollha mis-socjeta rikorrenti fl-1 ta' Marzu 2011 (Dokument PRS-7), illi huwa kien sempliciment wiehed mill-kuntratturi imqabbda mill-organizzaturi tal-avveniment "Rod Stewart" mizmum is-sajf li ghadda.

7. Illi jekk ghal xi raguni jew ohra illi ghaliha s-socjeta rikorrenti certament illi ma tahtix, kellu jirrizulta illi l-licenzja datata 11 ta' Gunju 2010 ma kinitx inharget validament, allura jkun il-kaz illi permezz tal-esekuzzjoni pubblika tax-xoghlijiet muzikali koncernati tutelati bid-drittijiet tal-awtur u vestiti fis-socjeta rikorrenti u fis-socjetajiet affiljati maghha, ikunu gew ittrasgrediti l-istess drittijiet tal-awtur vestiti fl-istess socjeta rikorrenti u fis-socjetajiet affiljati maghha da parti tal-intimati kollha jew min minnhom, billi dawn l-istess xoghlijiet muzikali jkunu gew esegwiti pubblikament minghajr il-licenzja mehtiega skond il-ligi.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex, ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

(i) Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti mill-intimati jew min minnhom bhala 'royalties' ai termini tal-licenzja datata 11 ta' Gunju 2010 numerata P 011300 mahruga mill-istess socjeta rikorrenti a favur ta' Karl Borg Events li permezz taghha giet awtorizzata l-esekuzzjoni fil-pubbliku tax-xoghlijiet muzikali kollha tutelati bid-drittijiet tal-awtur, u vestiti fis-socjeta rikorrenti u fis-socjetatjiet affiljati maghha; u

(ii) Tikkundanna lill-istess intimati jew min minnhom sabiex jhallsu lis-socjeta rikorrenti l-ammont hekk likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tad-domanda precedenti bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Awwissu 2010 sad-data tal-hlas effettiv;

(iii) In difett, u subordinatament, ma ghandux jigi dikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-intimati jew min minnhom ittrasgredixxew id-drittijiet tal-awtur vestiti fis-socjeta rikorrenti u fis-socjetajiet affiljati maghha fir-rigward tax-xoghlijiet muzikali elenkati fil-lista tax-xoghlijiet (Dokument PRS-5) u dana permezz tal-esekuzzjoni fil-pubbliku tal-istess xoghlijiet illi sehhet fil-kuncert muzikali titolat "Rod Stewart" organizzat mill-istess intimati jew min minnhom fuq il-Fosos tal-Furjana fit-3 ta' Awwissu 2010;

(iv) Ma ghandhomx jigu likwidati dawk id-danni kollha sofferti mis-socjeta rikorrenti minhabba l-fuq imsemmija trasgressjoni tad-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fiha kif ukoll fis-socjetajiet affiljati maghha da parti tal-intimati jew min minnhom; u

(v) Ma ghandhomx l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati minn din l-Onorabbli Qorti sabiex ihallsu lis-socjeta rikorrenti dawk id-danni kollha likwidati minn dina l-istess l-Onorabbli Qorti ai termini tad-domanda precedenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali ipprezentata mis-socjeta rikorrenti kontra l-intimati fl-1 ta' Marzu 2011 kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1191/2012 illi qieghed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-intimati jew min minnhom u illi qeghdin jigu ingunti minn issa stess sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jennifer Farrugia bhala socji tas-socjeta civili bl-isem RS and Partners li tghid hekk:

Eccezzjonijiet

Illi in linea preliminari, l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradditturi tas-socjeta attrici nomine u ma ghandhom ebda relazzjoni guridika maghha.

Illi bla pregudizzju u in linea preliminari wkoll is-socjeta attrici trid taghti prova li Rod Stewart huwa membru tas-socjeta mandanti The Performing Right Society Limited ta' Londra, l-Ingilterra, jew membru ta' socjeta affiljata mal-istess socjeta mandanti.

Illi bla pregudizzju s-socjeta attrici nomine trid tipprova d-dritt taghha li tigbor xi somma gialadarba, sa fejn jafu l-eccipjenti, kien l-awtur innifsu Rod Stewart li kanta x-xoghlijiet muzikali elenkati fid-Dok. PRS5 ezebit mar-rikors guramentat u thallas ghas-saldu d-drittijiet tieghu.

Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet attrici, l-ammont reklamat mis-socjeta attrici nomine fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1191/12 imsemmi minnha u prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat odjern huwa assurd u esagerat tenut kont li dan suppost huwa bbazat fuq sitta fil-mija (6%) tad-dhul mill-biljetti mibjugha ghal kuncert in kwistjoni.

Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, it-tielet, raba’ u hames talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in vista tal-ftehim ezebit bhala Dok. PRS3 ezebit mill-istess socjeta attrici nomine u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz l-istess tielet, raba' u hames talbiet huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Dikjarazzjoni
Illi l-esponent u t-tlett konvenuti l-ohra Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Jennifer Farrugia bhala socji tas-socjeta civili bl-isem RS and Partners kienu biss investituri fil-kuncert in kwistjoni u la kellhom x'jaqsmu mal-organizzazzjoni tieghu u wisq inqas mal-ftehim li Karl Borg iffirma mas-socjeta attrici nomine kif fil-fatt jidher mid-Dok. PRS3 ezebit mill-istess socjeta attrici. Huma iffinanzjaw il-kuncert u hargu b'telf konsiderevoli minhabba agir negligenti u frawdolenti tal-konvenut l-iehor Roy Steer li suppost kellu l-organizzazzjoni tal-kuncert f'idejh.

Illi kif gie nfurmat l-esponent u l-konvenuti Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Jennifer Farrugia, kien il-konvenut Karl Borg (milli jidher imqabbad mill-konvenut Roy Steer) li suppost ha hsieb tal-ftehim mas-socjeta attrici nomine u affarijiet ohra u thallas ghas-saldu ta' xogholu s-somma hdax-il elf u tmien mitt euro (€11,800).

Illi ghalhekk l-esponent u t-tlett konvenuti shabu qatt ma kellhom ebda relazzjoni legali mas-socjeta attrici nomine, qatt ma dahlu f'xi diskussjonijiet maghha u qatt ma ffirmaw xi ftehim maghha.

Illi bla pregudizzju is-socjeta attrici trid taghti prova li Rod Stewart, li tieghu kien il-kuncert, huwa membru tas-socjeta mandanti The Performing Right Society Limited ta' Londra, l-Ingilterra, jew membru ta' socjeta affiljata mal-istess socjeta mandanti.

Illi bla pregudizzju, sa fejn jaf l-esponent u t-tlett konvenuti shabu fuq imsemmija, ix-xoghlijiet muzikali elenkati fid-Dok. PRS5 huma kollha tal-awtur li kantahom, cioe Rod Stewart, u dan ukoll thallas ghas-saldu d-drittijiet tieghu. Ghalhekk is-socjeta attrici nomine trid iggib prova dwar kif qed tivvanta li tithallas ta' xoghlijiet li, sa fejn jafu l-esponenti, mhijiex propjetarja taghhom.

Illi kontestwalment mar-rikors guramentat odjern is-socjeta attrici nomine pprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju fejn qed tivvanta mhux somma da likwidarsi izda somma precisa ta' tlieta u ghoxrin elf u sitt mitt euro (€23,600). Anke jekk l-istess socjeta ghandha dritt tigbor royalties kif tippretendi fuq il-bazi ta' sitta fil-mija (6%) tad-dhul mill-biljetti, tali somma hija assurda u esagerata skond l-informazzjoni li rnexxielhom jiehdu minghand il-konvenut l-iehor Roy Steer.

Illi l-ahhar tlett talbiet huma certament infondati ghall-ahhar l-ewwelnett ghaliex is-socjeta attrici innifisha qablet li kien hemm permess mahrug minnha ghal kuncert (vide Dok. PRS3) u fit-tieni lok ghaliex l-azzjoni taghha fil-konfront tal-esponent u t-tlett konvenuti shabu fuq imsemmija hija preskritta bid-dekors tas-sentejn. F'dan l-ahhar kuntest jigi rilevat li kif jidher mill-Ittra Ufficjali ezebita mar-rikors guramentat bhala Dok. PRS7, in-notifika tal-esponent u t-tlett konvenuti shabu saret fl-indirizz residenzjali tal-konvenut l-iehor Roy Steer, liema indirizz la hu l-indirizz residenzjali taghhom u lanqas il-post tax-xoghol taghhom. L-esponent u t-tlett konvenuti shabu lesti wkoll jikkonfermaw bil-gurament li huma qatt ma gew infurmati b'tali Ittra Ufficjali mill-konvenut Roy Steer.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Karl Borg li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament I-esponent Karl Borg mhux legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti f'dina l-kawza u dan minhabba illi mhemm I-ebda relazzjoni guridika bejnu u bejn s-socjeta attrici peress illi hu kien awtorizzat jagixxi sempliciment bhala mandatarju ta' Roy Steer ghan-nom ta' RS&Partners (dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. KB1) sabiex jigi organizzat dan il-kuncert muzikali. Ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. IIli I-esponent Karl Borg kien inkarigat minn Roy Steer ghan-nom ta' RS&Partners bhala mandatarju fil-ftehim sabiex tinhareg iI-licenzja necessarja minghand is-socjeta attrici sabiex ikun jista' isir I-kuncert imsemmi u f'dan ir-rigward qatt ma agixxa f'ismu izda dejjem f'isem RS&Partners u ghaldaqstant l-obbligi li gew ikkuntrattati mas-socjeta attrici ma gewx ikkuntrattati f'isem I-esponent Karl Borg imma f'isem RS&Partners.

3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti billi mhuwiex minnu illi I-esponenti Karl Borg huwa debitur tas-socjeta attrici.

4. Salv eccezjonijiet ulterjuri

BI-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Roy Steer li tghid hekk:

Illi fl-ewwel lok, trid tingieb il-prova illi gew prezentati lill-pubbliku "diversi xoghlijiet muzikali tutelati bid-drittijiet tal-awtur vestiti fis-socjeta rikorrenti u f'Collecting Societies ohra affiljati maghha" kif allegat mis-socjeta attrici.

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici trid iggib il-prova illi hija ghandha l-awtorita illi tigbor id-drittijiet tal-awtur ghax-xoghlijiet li huma vestiti f'Collecting Societies ohrajn.

Illi subordinatament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim esebit bhala Dok. 'PRS-3' huwa res inter alios acta ghall-esponenti u ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu.

lIli subordinatament ukoll u bla pregudizziu ghas-suespost, il-ftehim anness u esebit bhala Dok. 'PRS-3' u t-Tariffa anessa u esebita bhala Dok. 'PRS-4' mar-rikors promotur jikkontravjenu l-artikolu 9 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk huma ipprojbiti u ghaldaqstant, ghandha tigi applikata l-procedura kkontemplata fl-artikolu 27 tal-istess Kapitolu 379.

Illi subordinatament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, il-esponent mhuwiex il-legittmu kontradittur stante illi huwa gie imqabbad mill-konvenuti l-ohra, tranne Karl Borg, sabiex jiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-kuncert in kwistjoni u ma kienx il-promotur tal-istess kuncert jew responsabbli ghall-oneri finanzjarji tal-istess kuncert u dan kif ser jigi ippruvat.

Illi fil-mertu, u bla pregudizju ghas-suespost, talvolta jigi determinat illi xi ammont huwa dovut lis-socjeta attrici, trid issir likwidazzjoni ta' tali ammont dovut skont il-bejgh tal-biljetti tal-kuncert de quo.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza in ezami titratta talba ghall-hlas ta' drittijiet jew "*royalties",* a bazi ta' permess ossia licenzja mahruga mis-socjeta attrici favur il-konvenut Karl Borg, dwar kuncert li sar f'Malta ta' Rod Stewart fit-3 ta' Awwissu, 2010, u alternattivament talba ghal-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas ta' danni konsegwenti ghat-trasgressjoni tad-drittijiet tal-awtur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fiha, kif ukoll socjetajiet affiljati maghha, da parti tal-intimati jew min minnhom. Ghandu jinghad mal-ewwel illi din il-Qorti ser taghmel referenza biss ghall-provi saljenti rizultanti mill-atti tal-kawza in kwantu tressqu diversi provi, li fil-fehma ta' din il-Qorti jmorru lil hinn mill-mertu tal-kawza in ezami.

**Provi**

Xehdet permezz ta' affidavit Charmaine Briffa, Office Manager mas-socjeta Dingli Co. International Limited, li hija l-agent f'Malta tas-socjeta estera "The Performing Right Society Limited" ta' Londra (Ara Dok. PRS1 a fol. 7 tal-process – prokura mahruga mis-socjeta estera The Performing Right Society imited a favur tas-socjeta Dingli Co International Limited). Tispjega li s-socjeta rikorrenti hija "Collecting Society", fl-ambitu tal-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u li hija debitament awtorizzata sabiex topera f'dan is-sens f'Malta, mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Ara Dok. PRS2 a fol. 10 *et seq*. tal-process – Awtorizzazzjoni mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur sabiex is-socjeta rikorrenti tagixxi bhala "collecting society"). Hija tispjega li l-konvenut Karl Borg avvicina l-ufficcju taghhom peress li kien ser isir il-kuncert ta' Rod Stewart f'Malta, fit-3 ta' Awwissu, 2010 fuq il-Fosos u hija spjegatlu x'ghandu jsir sabiex issir applikazzjoni ghal permess mahrug mill-

Performing Right Society (minn hawn 'il quddiem imsejha PRS). Minn l-informazzjoni li kienet inghatat, hija fehmet li kien hu li ser jiehu hsieb itella dan il-kuncert. Ghalhekk hija ppreparat il-permess u mliet id-dettalji u bghatitulu permezz ta' email sabiex ikun jista' jarah bil-kwiet. Fl-istess waqt bghatitlu l-original bil-posta sabiex ikun jista' jiffirmah u jibghatu lura.

Karl Borg talabha appuntament dwar il-kuncert ta' Rod Stewart sabiex hija tispjega t-tariffa applikabbli ghall-kuncerti li jsiru f'Malta, liema laqgha saret fis-16 ta' Gunju, 2010, fejn dakinhar gie ffirmat il-permess esebit in atti (Ara Dok. PRS3 a fol. 50 tal-process) u spjegat li hija jkollha bzonn lista tax-xoghlijiet li kienu ser jindaqqu waqt il-kuncert sabiex ikunu jistghu jibghatuha mal-permess, il-Head Office gewwa Londra (Ara f'dan is-sens ukoll Dok. CB7 a fol. 104 tal-process). Hija tispjega li kien biss fit-30 ta' Awwissu, 2010, cioe wara l-kuncert, li l-konvenut Karl Borg ghall-ewwel beda jsemmi lill-konvenut l-iehor Roy Steer bhala l-"Promoter of the Rod Stewart Concert". Tghid illi ghalkemm kitbet kemm lil Roy Steer kif ukoll lil Karl Borg, kien biss fit-22 ta' Settembru, 2010 li l-konvenut Karl Borg taha l-lista ta' diski li ndaqqu waqt l-imsemmi kuncert (Ara Dok. CB14 a fol. 112 tal-process), izda baqghet ma nghatat ebda informazzjoni dwar il-bejgh tal-biljetti sabiex ikun jista' jinhadem id-dritt u tinhareg il-fattura. Wara li ntbaghtet ittra ufficjali lil Roy Steer, is-socjeta rikorrenti kienet mgharrfa li Roy Steer kien Lead Manager in konnessjoni mal-kuncert ta' Rod Stewart u dan skont management agreement li kellu mas-socji ta' RS & Partners u ghalhekk kull talba kellha tigi ndirizzata lill-partners u mhux lilu. Kien ghalhekk li imbaghad inharget ittra ufficjali lill-konvenuti kollha u l-konvenut Karl Borg wiegeb li huwa kien biss kuntrattur imqabbad mill-organizzaturi tal-kuncert Rod Stewart. Hija tishaq li l-konvenut Karl Borg ipprezenta ruhu bhala l-organizzattur tal-kuncert ta' Rod Stewart u huwa kien il-kuntatt li kellha kemm qabel kif ukoll wara l-kuncert. Il-licenzja bin-numru P0113300 harget f'isem Karl Borg Events u ma saret ebda pressjoni da parti taghha sabiex il-licenzja tinhareg f'ismu, izda saret hekk ghaliex dik kienet l-informazzjoni li nghatatilha u li hija kienet in *buona fede.* Tghid ukoll li hija nghatat l-informazzjoni dwar il-bqija tal-konvenuti, ferm wara li giet iffirmata l-licenzja u wara li l-PRS hadet il-passi legali minhabba l-ksur tal-kuntratt.

In kontroezami Briffa tispjega li filwaqt li hija mliet id-dettalji li hemm fil-*Copyrig(ht Music Permit* (Dok. PRS3 a fol. 50 tal-process)*,* kien Karl Borg li ffirma ghall-permess, li hi dejjem ikkorispondiet mieghu u li Borg qatt ma taha x'tifhem li ma kienx wiehed mill-organizzaturi jew li kien qieghed jidher ghan-nom ta' haddiehor u kien biss meta nqalghu l-problemi ta' hlas li nfurmaha li huwa ma kienx l-organizzatur tal-kuncert. Tghid li hija qatt ma ltaqghet ma' Paul Dagaetano, Josianne Degaetano, Ray Steer Chatham u Jennifer Farrugia u li dawn in-nies issemmew minn Karl Borg wara li kien iffirma l-permess u wara li sar il-kuncert.

Karen Estelle Fishman xehdet dwar l-operat tal-PRS in generali, izda fir-rigward tal-kuncert ta' Rod Stewart, hija tispjega li l-lista moghtija mill-konvenut Borg, dwar id-diski kantati mill-artist dakinhar tal-kuncert, mhumiex xoghlijiet appartenenti lil Rod Stewart biss, izda huma xoghlijiet ta' artisti ohra li huma membri kemm tal-PRS, kif ukoll membri ta' socjetajiet ohra maghrufa bhala ASCAP (Socjeta Amerikana li *inter alia* tirraprezenta kompozituri u awturi), BMI (Broadcast Music Inc) u SOCAN (Socjeta ekwivalenti ghall-PRS fil-Kanada), li l-PRS ukoll tirraprezenta permezz ta' *representation agreements*. Tispjega li filwaqt Rod Stewart huwa membru tas-socjeta ASCAP, din l-istess socjeta awtorizzat lill-PRS sabiex tohrog il-licenzja ghax-xoghlijiet f'diversi pajjizi, nkluz f'Malta u li l-PRS hija l-unika entita li tirraprezenta d-drittijiet taghha f'Malta, kemm ghall-hrug talicenzja ghall-wirja fil-pubbliku, kif ukoll li tamministra u tenforza d-drittijiet taghha f'Malta.

F'dan is-sens hija tesebixxi l-affidavit ta' Joan Morgan McGivern, Vici President tal-ASCAP (Ara Dok. KEF3 a fol. 147 tal-process). Fishman telenka d-diski li gew ezegwiti waqt il-kuncert u tispjega li l-kompozituri l-ohra wkoll tax-xoghlijiet muzikali hemm elenkati, huma membri ta' ASCAP, BMI, SOCAN u PRS. Tesebixxi d-*deeds of assignment* li l-PRS tiddetjeni (Ara Dok. KEF4 a fol. 210 *et seq* tal-process), kif ukoll mal-affidavit ta' McGivern hemm tnax-il esebit immarkati bhala *Exhibit1 sa Exhibit 12* (Exhibit 1 through 12 esebiti a fol. 152 *et seq* tal-process)*,* li huma l-"*Membership Agreements which grant the public performance right in the copyrights of the authors, composers and publishers to ASCAP*" relattivi ghad-diski li gew ezegwiti waqt il-kuncert in kwistjoni. Fishman tghid li l-PRS sofriet danni konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenuti li jhallsu d-drittijiet ossia r-*royalties* dovuti

skont il-licenzja mahruga, jew f'kaz li l-licenzja titqies invalida, li inkissru d-drittijiet tal-awtur meta saret wirja ta' xoghlijiet musikali minghajr il-licenzja tas-sidien tad-drittijiet tal-awtur, kif rapprezentati mill-PRS.

Xehed in kontroezami Richard H. Reimer bhala rapprezentant tal-ASCAP (peress li McGivern ma baqghetx impjegata mal-ASCAP) li jispjega li ASCAP ghandha dritt li tinhareg licenzja fil-konfront tax-xoghlijiet muzikali relattivi bis-sahha ta' diversi ftehimiet li ghandha mal-awturi u pubblikaturi tal-istess xoghlijiet. L-ASCAP ikollha drittijiet li mhumiex esklussivi, peress li l-membri stess izommu d-dritt li johorgu huma direttament, licenzja ghal ezekuzzjoni quddiem il-pubbliku. ASCAP imbaghad taghti drittijiet lil socjetajiet ohra barra l-Amerika (bhal PRS), sabiex jinhargu licenzji ghan-nom ta' ASCAP u tal-membri taghha. F'kaz t'avveniment bhal dak in ezami, huwa l-kuncert li jigi licenzjat mhux l-artist innifsu. Dana peress li wara l-kanzunetti jkun hemm diversi awturi, kompozituri u pubblikaturi nvoluti, li lkoll jassenjaw id-drittijiet taghhom lil ASCAP. Fil-kaz ta' Rod Stewart, apparti li huwa kantant huwa kompozitur, u huwa fil-kapacità tieghu ta' kompozitur assenja d-drittijiet (mhux esklussivi) lil ASCAP sabiex tohrog licenzji ghal kuncerti fil-pubbliku. ASCAP da parti taghha ghaddiet d-drittijiet taghha li tohrog licenzja f'Malta lil PRS. Izda x-xhud jishaq li wiehed ghandu jzomm f'mohhu li fil-kaz tax-xoghlijiet ta' Rod Stewart, huwa ma kienx l-uniku kompozitur ghax-xoghlijiet kollha, izda kien hemm diversi awturi u kompozituri ohra nvoluti, li ma kenux qeghdin jaghtu l-kuncert u li d-drittijiet taghhom iridu jkunu koperti b'licenzja wkoll. Jispjega li ghalkemm Rod Stewart kellu d-dritt li johrog licenzja huwa stess ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet tieghu quddiem pubbliku, jirrizulta li Stewart ghazel lil ASCAP sabiex tohrog licenzja ghax-xoghlijiet tieghu. F'kaz li Stewart ried li l-licenzja tinhareg mod iehor, huwa kellu obbligu javza lil ASCAP, li mhux il-kaz in ezami. Fil-kaz tat-tnax-il diska li gew ezegwiti waqt il-kuncert f'Malta, ghal kull diska ASCAP kellha xi membru li assenjala d-drittijiet (mhux esklussivi) relattivi. Kull membru jiffirma ftehim wiehed mal-ASCAP li jkopri x-xoghlijiet kollha tieghu, u li f'dan il-kaz huma ghadhom membri mal-ASCAP. Wara din ix-xhieda gie pprezentat il-kuntratt redatt bejn l-ASCAP u l-PRS, fejn l-ASCAP tawtorizza lil PRS tirraprezentaha f'Malta.

Dr Kevin Dingli li kien jirraprezenta lis-socjeta attrici fiz-zmien li sar il-kuncert in kwistjoni, xehed li l-PRS tamministra d-drittijiet tal-awtur parttikolari fix-xoghlijiet muzikali kollha lilha assenajti mill-kompozituri, jew mill-awturi tal-lirika, kif ukoll mill-pubblikaturi tal-istess xoghlijiet muzikali li jkunu membri tal-PRS, jew li fir-rigward taghhom il-PRS tkun inghatat licenzja esklussiva da parti ta' socjetajiet ohra simili ghall-PRS u dan permezz ta' *Reciprocal Representation Agreements* (aktar minn sebghin wiehed). Ix-xoghlijiet muzikali in kwistjoni jaqghu fir-repertorju tal-PRS, kif ukoll fir-repertorju tas-socjetajiet ASCAP u BMI, it-tnejn tal-Istati Uniti, kif ukoll tas-socjeta SOCAN tal-Kanada. Il-PRS illum hija unikament awtorizzata mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur sabiex tagixxi bhala *"Collecting Society",* permezz ta' decizjoni li nghatat fil-15 ta' Frar, 2007 ai termini tal-Avviz Legali 425 tas-sena 2003. Fuq il-bazi tal-assenjazzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur, il-PRS bhala entita legali tikkuntratta u tistiwixxi proceduri legali f'isimha stess, fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur li jkunu jispettaw lilha fi proprjeta esklussiva skont il-ligi u s-socjeta Dingli Co. International tamministra l-licenzji jew l-*Copyright Music Licence-Contracts* li tirrilaxxja l-PRS hawn Malta. Fil-kaz tal-PRS, l-uzu partikolari li generalment jigi licenzjat jikkonsisti fil-wiri jew fl-esekuzzjoni quddiem il-pubbliku, kif ukoll fix-xandir ta' dawk l-istess xoghlijiet muzikali li jaqghu fir-repertorju tal-PRS u ghal dan il-ghan tohrog *blanket licence* a favur tal-utent. F'dan il-kaz il-*Copyright Music Permit Number P011300* datat 11 ta' Gunju, 2010, kienet licenzja li tkopri l-esekuzzjoni quddiem il-pubbliku permezz ta' avveniment specifiku, jigifieri l-kuncert muzikali msejjah *Rod Stewart Live Concert* u dan wara li saret l-applikazzjoni da parti tal-konvenut Karl Borg.

Parti mill-amministrazzjoni li taqa' fil-kompetenza ta' Dingli Co. International Ltd. hija li jinhargu l-licenzji sabiex jigi awtorizzat l-eghmil tal-atti li jehtiegu li jigu awtorizzati skont il-ligi mill-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur, kif ukoll li jingabru r-*royalties* dovuti lill-PRS, in konnessjoni mal-hrug tal-imsemmija licenzji, skont il-kontijiet li jinhargu bbazati fuq it-tariffi vigenti tal-PRS, li tohrog l-ircevuti fiskali, kif ukoll li jinghata rendikont regolari lill-PRS. Min-naha taghha l-PRS tqassam r-*royalties* li jingabru lill-membri taghha, kif ukoll lis-socjetajiet affiljati maghha permezz ta' *reciprocal representation agreements,* skont l-uzu li jkun sar mix-xoghlijiet muzikali kkoncernati u r-regoli taghhom. Jispjega li f'dan il-kaz it-tariffa applikabbli, kif approvata mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur hija dik ta' 6% tad-dhul mill-kuncert muzikali u li l-ammont

ta' *royalties* effettivament pagabbli ma setghax jigi stipulat fl-istess licenzja, peress li tali ezercizzju ried isir wara l-avveniment, meta l-organizzatur ikollu ghad-disposizzjoni tieghu c-cifri rilevanti rigward id-dhul mill-bejgh tal-biljetti. Jghid ukoll li ghalkemm il-konvenut Karl Borg ipprovda l-lista tax-xoghlijiet muzikali li gew pubblikament ezegwiti, pero naqas milli jipprovdi r-rendikont finanzjarju mehtieg sabiex ikun jista' jigi komputat ir-*royalties* li kellhom jithallsu. In kontroezami Dr Dingli jispjega li l-hlas li jinghata lill-artist bhala *performance fee* ghall-kuncert huwa separat mir-*royalties* pagabbli ghal *public performance,* anki jekk ix-xoghlijiet muzikali huma tieghu stess, id-drittijiet huma differenti. Huwa jixhed li fiz-zmien in kwistjoni t-tariffa kienet tinhadem fuq ir-rata ta' 6% bhala gwida u jikkonferma li r-rata ta' 6% tinhadem fuq id-dhul tal-biljetti li jinbieghu (*box office receipts)* u ma tinkludix biljetti li jinhargu bhala *complimentaries.*

Dwar il-bejgh ta' biljetti, din il-Qorti tqis l-aktar relevanti x-xhieda ta' David Pollina, kuntrattur li kien delegat bl-immaniggjar tal-hrug ta' biljetti permezz ta' sistema elettronika. Dan l-ingagg sar permezz ta' kuntratt datat 24 ta' April, 2010, li sar bejn il-konvenut Roy Steer u l-istess Pollina ghal MaltaTicket.com Limited (Esebit bhala dokument immarkat bhala Dok. MT1 a fol. 347 tal-process). Huwa pprezenta rapport li jinkludi l-elenku ta' biljetti li nghataw bhala *complimentary* (b'valur ta' €150,940), biljetti li nbieghu ghal dan il-kuncert, (valur ta' €372,325)*,* kif ukoll biljetti li ghal xi raguni jew ohra thassru (€12,905), sabiex b'hekk il-valur totali ta' biljetti mhallsa kien ta' €359,420 (Ara Dok. DP1 a fol. 316 tal-process). Jirrizulta wkoll li minn l-informazzjoni li ngabret, li kien hemm ukoll kazijiet fejn jew il-biljetti jkunu ntilfu jew ma jkunux ghal xi raguni jew ohra marru ghall-kuncert u ghalhekk il-valur ta' biljetti mibjughin lil nies li attwalment attendew il-kuncert huwa ta' €343,250 (Ara Dok. DP1A a fol. 319 tal-process).

Karl Borg xehed li huwa *self-employed* u jahdem bhala *event organiser* bl-isem ta' "Karl Borg Events". Huwa kien inkarigat minn Roy Steer sabiex jassisti fl-organizazzjoni tal-kuncert muzikali li kellu jsir fis-sajf tas-sena 2010. Borg kellu jiehu hsieb il-logistika ghall-kuncert (hlief ghas-*sound* u *backstage*). Ghalkemm kien jaf li Steer kellu shab mieghu fin-negozju, huwa ma kienx jaf min huma u lanqas kien jinteressah wisq peress li kien mohhu li jaghmel xogholu sew. Jispjega d-diffikultajiet

li kellu sabiex jithallas tas-servizzi tieghu u jghid ukoll li spicca minn taht peress li kien hemm xi kuntratturi li talab l-assistenza taghhom u li spicca hallashom minn butu peress li Steer baqa' ma hallashomx. Jishaq li meta huwa kellem lill-PRS, dan ghamlu in rappprezentanza tal-organizzazzjoni tal-kuncert ta' Roy Steer u mhux bhala sid ta' negozju li kien wara dan il-kuncert. Jinsisti li ghalkemm kellem lil Charmaine Briffa da parti tal-PRS bhala Karl Borg jew Karl Borg Events, din kienet taf li l-kuncert kien qieghed jigi mtella minn RS and Investors, peress li l-PRS kienu jafu li huwa kien jassisti f'dan it-tip ta' avvenimenti.

Roy Steer jixhed li hu kien il-Project Manager jew co-ordinator li kellu jiehu hsieb il-kuncert kollu u huwa kellu jimxi skont direttivi li johorgu mill-hekk imsejjah *Technical Rider* (Ara Dok. RS3 a fol. 509 tal-process) taht id-direzzjoni ta' Lars Brogaard (Direttur tal-kuncerti ta' Rod Stewart). Karl Borg kien inkarigat mill-istess Roy Steer, bhala venue manager li kellu jiehu hsieb li jgib il-permessi fosthom tal-pulizija, u jiehu hsieb l-aspetti ta' sigurta. Huwa jghid li nforma l-investituri dwar x'kien ha jaghmel Borg, tant li meta dan hareg fattura tax-xoghol li kellu jaghmel fil-5 ta' Lulju, 2010, huwa flimkien ma' Jennifer Farrugia (Ara Dok. RS1 a fol. 502) iffirmaw sabiex jinhariglu l-ewwel pagament ghas-servizzi tieghu hekk kif elenkati fl-istess fattura (Ara Dok. RS2 a fol. 505). Gew esebiti wkoll numru ta' rcevuti u cekkijiet mahruga mill-istess Borg (Ara Dok. RS4 a fol. 532 *et seq* tal-process), bhal permessi, barriers, pulizija, protezzjoni civili u Kunsill Lokali li eventwalment thallsu lura lill-istess Borg. Filwaqt li l-ewwel pagament lil Karl Borg sar mill-*escrow account* (Li nfetah appozitament sabiex jigi kkontrollat id-dhul u l-hrug tal-ispejjez ghall-kuncert), huwa thallas il-bilanc dovut lilu in konnessjoni ma' dan il-kuncert mill-MaltaTicket.com Limited, peress li l-investituri ma ridux ihallsuh (Ara Dok. RSDP a fol. 582 tal-process). Steer jixhed li kien hu stess li qabel li Karl Borg jiffirma d-dokument tal-PRS ghan-nom tal-organizzaturi tal-kuncert, l-istess kif applika mal-pulizija u mal-Kunsill Lokali, peress li dan kien jaqa' fil-mansjonijiet ta' Borg skont l-istess *quotation* mahruga minnu, izda meta l-investituri gew informati b'dan il-kont tal-PRS, huma rrifjutaw li jhallsu. Dan meta fil-fehma tieghu Karl Borg kien applika mal-PRS f'isem l-investituri RS & Partners.

Xehdet ukoll Jennifer Farrugia, wahda minn tliet investiture [L-istakeholders l-ohra kienu Paul u Josianne konjugi Dagaetano u Ray Steer Chatham (li jigi hu Roy Steer)] li qalet li kienet giet avvicinata minn Roy Steer sabiex tinvesti l-flus, sabiex isir il-kuncert ta' Rod Stewart f'Malta u li huma appuntaw lill-istess Roy Steer bhala manager sabiex imexxi kollox (Ara RS Project Management agreement esebit in atti bhala Dok. RJS a fol. 454). Ghalkemm fil-bidu kien qieghed jinghadilhom li kien hemm hafna bejgh, izda ma kienux qeghdin jinghataw informazzjoni. Wara l-kuncert talbu li jinghataw rendikont sabiex ikunu jafu kif marru, izda xi hmistax wara rrizultalhom li ghamlu t-telf u spiccaw fethu proceduri legali fil-konfront tal-konvenut l-iehor Roy Steer. Tghid li lil Karl Borg ma kenitx tafu qabel ma ltaqghet mieghu fil-kawza odjerna u huma qatt ma kienu tawh ebda nkarigu in konnessjoni ma' dan il-kuncert.

Ghalkemm uhud mid-difensuri tal-konvenuti ressqu diversi provi dwar il-*partnerhip agreement* bejn l-investituri, dwar il-ftehim bejn l-investituri u l-konvenut Roy Steer, dwar l-arrangamenti li kien hemm bejn l-investituri u l-Bank sabiex isir *Escrow Agreement,* ir-rizoluzzjoni maghmula bejn il-partners sabiex jintuza n-numru tal-VAT ta' Roy Steer, sakemm ikun hemm numru ta' VAT specifiku ghall-partners, il-ftehim ta' kif kellhom jitqassmu l-profitti u f'kaz li jkun hemm telf minn dan in-negozju kif jinqasam l-istess telf, ir-rifuzjoni ta' VAT u kif sar il-hlas ta' diversi kredituri, id-diffikultajiet finanzjarji u l-kawza gudizzjarja li hemm bejn l-investituri u l-Project Manager Roy Steer, dawn huma fil-fehma ta' din il-Qorti, kollha *inter res alios acta* u ma ghandhom ebda stat fil-konfront tal-pretensjonijiet attrici.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mhemmx dubju li xoghlijiet muzikali huma eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur. Kif inghad mis-socjeta attrici fin-nota taghha, l-artikolu 3(1) tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta) jelenka ix-xoghlijiet eligibbli ghad-drittijiet tal-awtur, fosthom xoghlijiet muzikali, kif jirrizulta mill-paragrafu (e) taht l-imsemmi artikolu tal-ligi. Id-definizzjoni tat-terminu xoghol muzikali taht il-ligi Maltija li jfisser "*kull xoghol muzikali, irrispettivament mill-kwalita muzikali, u tinkludi xoghlijiet komposti ghall-akkompanjament muzikali*." Hekk ukoll l-artikolu 7 tal-Kap. 415 jipprovdi li sid xoghol muzikali jkollu d-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-ghemil f'Malta dwar il-

materjal protett fit-totalita tieghu jew f'parti sostanzjali minnu, fosthom fil-wiri jew l-esekuzzjoni quddiem il-pubbliku. Filwaqt li "wirja" skont l-istess Att tfisser "*it-twettiq dirett ta' xoghol quddiem il-pubbliku li jsir taht dawk ic-cirkostanzi li x-xoghlijiet li jintwerew ikunu jistghu jigu percepiti mill-pubbliku minghajr ebda komunikazzjoni intermedja",* li allura tinkludi wirja ta' xoghlijiet muzikali waqt kuncert li ghalih ghandhom jingabru *performing right*. Kif irrizulta mill-provi, jista' jkun hemm aktar minn awtur wiehed involut f'kanzunetta wahda, li mhux necessarjament ikunu membri tal-istess *collecing society* u dan ifisser li jkun hemm aktar minn interess wiehed li ghandu jigi salvagwardjat.

Il-kaz in ezami jitratta kuncert li ttella' Malta ta' Rod Stewart fejn gew ezegwiti numru ta' diski, li kitbu diversi awturi u kompozituri. Is-socjeta attrici hija awtorizzata mill-Bord tal-Awturi ai termini tal-Ligijiet ta' Malta (LS415.01 – Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Socjetajiet ghall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet ta l-Awtur) sabiex tagixxi f'Malta bhala *collecting society.* Is-socjetà attrici tigi assenjata d-dritt ta' wiri fil-pubbliku u xandir (*public performance right)* tax-xoghlijiet kollha tal-membri taghha u tamministra dan id-dritt ghan-nom tal-membri taghha. Il-PRS tikkordina wkoll ma' socjetajiet ohra simili ghaliha f'pajjizi differenti li jirraprezentaw awturi hemmhekk. Fil-fatt mill-provi rrizulta li s-socjetà attrici ghandha *representation agreements* ma' organizzazzjonijiet ohra bhal ASCAP, BMI u SOCAN. Il-kanzunetti ezegwiti waqt il-kuncert in kwistjoni huma tutelati bid-drittijiet tal-awtur, vestiti fis-socjetà attrici, li hija intitolata li tibda proceduri legali f'isimha stess fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur. Wara kollox Artikolu 52 tal-Kap. 415 jipprovdi li *"Awturi u sidien ohra tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet vicini jistghu jawtorizzaw collecting society tamministralhom id-drittijiet ekonomici taghhom."* Meta jigri hekk, l-awturi u kompozituri jcedu l-awtonomija fuq id-dritt tal-*performing right* favur il-*collecting society*. Kwindi s-socjeta attrici tamminstra kemm id-drittijiet tal-membri taghha kif ukoll ghall-membri ta' socjetajiet barranin li tikkollabora maghhom. Il-PRS *inter alia* tohrog licenzji lil min japplika sabiex itella' kuncert ta' xoghlijiet formanti parti mir-repertorju tal-membri rapprezentati minnha u mis-socjetajiet affiljati maghha, in konsiderazzjoni ta' tariffa. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni maghmula mis-socjetà attrici, fis-sens li l-hlas maghmul lil Rod Stewart sabiex jigi Malta jaghti l-kuncert, ma jikkostitwixxix hlas ta' drittijiet tal-awtur. Dana jinghad mhux biss peress

li d-drittijiet tal-awtur tax-xoghlijiet muzikali ezegwiti waqt il-kuncert ma kenux jappartjenu esklussivament lil Rod Stewart, izda kien hemm involuti diversi awturi u kompozituri ohra, u allura Stewart ma seta' qatt jaghti licenzja ghal xoghol muzikali li ma jappartjenix unikament lilu, izda wkoll peress li l-konvenuti ma ressqu ebda prova li l-hlas maghmul lil Stewart kellu jkopri wkoll id-drittijiet tal-awtur kif isostnu huma.

L-ewwel zewg talbiet attrici jissejsu fuq *Copyright Music Permit* li jgib referenza P011300, mahrug fil-11 ta' Gunju, 2010, f'isem Karl Borg Events bhala *licensee.* L-istess permess jinsab iffirmat minn Karl Borg f'isem il-*licensee* u minn Charmaine Briffa f'isem il-PRS. Karl Borg fir-risposta guramentata tieghu jghid li mhuwiex legittimu kontradittur u li huwa kien inkarigat jaghmel l-applikazzjoni mal-PRS minn Roy Steer ghan-nom ta' RS & Partners bhala mandatarju fil-ftehim sabiex tinhareg il-licenzja da parti tas-socjeta attrici. Ladarba huwa jsostni li l-obbligi ma gewx ikkuntrattati f'ismu imma f'isem RS & Partners, kien jinkombi fuq l-istess Borg li jkun car meta kien qieghed japplika ghall-permess tal-PRS li dan ma kienx qieghed jaghmlu f'ismu personali jew f'isem id-ditta tieghu "Karl Borg Events", izda f'isem haddiehor u li ma jiffirmax id-dokument jekk ma kienx kuntent li gie mnizzel bhala l-*licensee*. Il-piz tal-prova li meta kien qieghed jikkontratta kien qieghed jaghmel hekk f'isem haddiehor kien jispetta lilu u lil hadd aktar.

Il-konvenut Borg fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, gustament jinnota li ai termini tal-Artikolu 1857(2) tal-Kodici Civili, mandat jista' jinghata kemm bil-kitba, kemm bil-fomm jew tacitament. Madankollu huwa pacifikament ritenut fil-gurisprudenza taghna li meta persuna tonqos milli tiddikjara b'mod car li qeghda tikkontratta f'isem haddiehor, dik il-persuna tkun tenuta responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskattaw minn tali kuntratt. Sta ghal dik il-persuna li tallega li ma dahlitx f'kuntratt f'isimha personali sabiex tikkonvinci lill-Qorti li dan il-kuntratt sar f'isem haddiehor. F'dan is-sens hija l-osservazzjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Lawrence Formosa et nomine vs Silvio Felice**, 6 ta' Ottubru 1999:

> Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. **Fejn hemm dubju pero, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju**. (enfasi mizjud)

Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tal-20 ta' Ottubru, 2003, fl-ismijet **Legend Real Estate Limited vs Ron Chetcuti**, rriteniet illi:

> Certament il-qofol tal-kwestjoni f'dan il-kaz hu illi l-ammont reklamat kien kjarament naxxenti minn obbligazzjoni kontrattwali stipulata u preskritta fil-ftehim tal-11 ta' Frar 2000 (fol. 17). Obbligazzjoni din sottoskritta mill-konvenut appellant personalment u mhux minnu ghan-nom ta' xi kumpanija tieghu. Ghalhekk kellha titqies bhala wahda purament personali u l-appellant ma jistax, lanqas ghall-fatt illi hdejn ismu fl- introduzzjoni tal-iskrittura jiffiguraw il-kliem fil-brackets "Chetcuti Ent.", jippretendi li l-obbligazzjoni ghandha tigi estiza ghat-terz, ossija s-socjeta` rapprezentata minnu.
>
> **Biex seta' jkun diversament l-appellant htieglu jgib provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni u l-linja difensjonali tieghu. Huwa kellu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjeta` gestita minnu imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim s-socjeta`appellata kienet konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` tieghu.** Dan hu abbondantement pacifiku fil-gurisprudenza taghna". (enfasi mizjud)

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizultaw verzjonijiet kunfliggenti in kwantu Charmaine Briffa da parti tal-PRS tishaq li l-konvenut Karl Borg ipprezenta ruhu bhala l-organizzatur tal-kuncert ta' Rod Stewart u li qatt ma nformaha li huwa kien qieghed jidher fuq il-ftehim ghan-nom ta' haddiehor, hlief wara l-kuncert u wara li bdiet tigri warajh ghall-informazzjoni dwar il-bejgh tal-biljetti sabiex jigu kkalkolati d-drittijiet dovuti lill-PRS. Karl Borg min-naha l-ohra jghid, li Briffa kienet taf li huwa kien qieghed ikellimha f'isem l-organizzaturi tal-kuncert ossia RS and Investors, anke peress li l-PRS kienu jafu li huwa jassisti f'dawn it-tip ta' avvenimenti qabel dan il-kuncert. Din il-Qorti hija aktar propensa li temmen lir-rapprezentanta tas-socjeta attrici peress li mid-dokumenti esebiti in atti, tabilhaqq jirrizulta li fil-korrispondenza bejn Briffa u Borg, l-ewwel darba li ssemma Roy Steer kien fl-emails tad-29 u 30 ta' Awwissu, 2010 (Ara Dok. CB8 u Dok. CB10 a fol. 106 u 108 tal-process), jigifieri ferm wara l-kuncert u mhux qabel. Huwa ritenut al kwantu inutili li Borg jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Roy Steer u ta' Marvic Spiteri sabiex isostni d-difiza tieghu. Ir-rwol tieghu kellu jigi ccarat fin-negozjati tieghu mal-PRS u mhux ma' terzi ghaliex kien hu li ffirma kuntratt mal-PRS. L-obbligu li jindika bl-aktar mod car u inekwivoku lill-PRS li l-applikazzjoni ghall-permess kienet qeghda issir f'isem terzi kien ta' Borg u din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala l-PRS kellha tnizzel isem Karl Borg jew Karl Borg Events bhala *licensee*, li kieku tassew gie spjegat lilha li l-organizzaturi tal-

kuncert kienu terzi. Wara kollox fil-post fejn tnizzlet il-firma ta' Karl Borg, kien hemm imnizzel "*Signed by/on behalf of the Licensee),* li kien allura jinkludi l-possibilita li firmatarju jiffirma f'isem haddiehor, b'dan illi l-PRS ikunu debitament infurmati, ghazla li l-konvenut Borg m'adoperax.

Dak li jinghad mill-konvenut Karl Borg ma jirrizultax mill-provi s-sottomissjonijiet tieghu fis-sens li l-PRS kellha gharfien li huwa ma kienx qieghed jiffirma f'ismu, huma fl-ahjar ipotesi kongetturi. Lanqas ressaq prova ta' per ezempju okkazjonijiet ohra fejn huwa kellu kuntatt mal-PRS, fejn iffirma l-permess ghan-nom ta' haddiehor. Ladarba kien jispetta lil Borg iressaq il-provi dwar dak sostnut minnu, fl-assenza ta' prova konvincenti, din il-Qorti tqis li meta l-partijiet iffirmaw il-*Copyright Music Permit,* fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa, l-PRS kellha kull dritt tipprezumi li qeghda tohrog il-permess f'isem Karl Borg Events u mhux f'isem haddiehor u konsegwentement l-ewwel zewg pretensjonijiet taghha jistghu jirnexxu biss fil-konfront tal-konvenut Karl Borg, bhala l-uniku proprjetarju ta' Karl Borg Events, qua firmatarju fuq l-istess permess. Dan jinghad ukoll b'rispett ghall-principju ta' *pacta sunt servanda.* Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-kuntratti li jigu maghmula skont il-ligi, ghandhom is-sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u li dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi (artikolu 992 tal-Kodici Civili – Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta). Kif ukoll, il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni (artikolu 993 tal-Kodici Civili).

Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal-25 ta' Frar, 2011, fl-ismijiet **Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et**:

> …il-principju jibqa' l-istess, cioe dak tal-liberta kuntrattwali bil-korollarju tieghu li l-eccezzjonijiet ghal dik il-liberta m'ghandhomx jigu estizi lil hemm mil-limiti tal-ligi li tistabilixxi l-eccezzjoni ... il-Kodici Civili li jaghti lill-kuntratti maghmulin skont il-ligi is-sahha tal-ligi stess, li hija l-aqwa ligi, cioe` l-ligi tal-partijiet, il-mezz u l-mizura tal-indipendenza personali taghhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mgharufin mil-ligi. (**Avukat Dr. Giuseppe Maria Camilleri vs Willam Parkey nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Settembru 1973).

Isegwi li l-ewwel eccezzjoni ta' Karl Borg li mhuwiex legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici ma tistax tirnexxi, in kwantu din il-Qorti ma tirriskontra ebda raguni valida l-ghala l-permess mahrug bil-firem ta' Borg u Briffa, bil-kondizzjonijiet hemm pattwiti, ghandu jithassar.

Filwaqt li ghall-istess ragunijiet, sa fejn il-konvenuti l-ohra jressqu l-eccezzjoni taghhom li mhumiex legittimi kontradditturi u l-konvenut Roy Steer jeccepixxi li l-*Copyright Music Permit* huwa *res inter alios acta* ghalih u ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu, ser ikollhom jintlaqghu, peress li hadd mill-konvenuti l-ohra ma ffirma l-permess. Kwindi ma tezistix ir-rabta kontrattwali mehtiega sabiex l-ewwel zewg talbiet attrici jirnexxu fil-konfront taghhom. Dan dejjem salv kull dritt ta' rivalsa li l-istess Borg ghandu fil-konfront tal-konvenuti l-ohra. Ladarba qeghda tigi milqugha din l-eccezzjoni preliminari ta' dawn il-konvenuti ma tirrizultax il-htiega li din il-Qorti tinvesti l-eccezzjoniijiet l-ohra mressqa minnhom ulterjorment.

**Likwidazzjoni ta' Drittijiet (*Royalties*)**

Ghalkemm Charmaine Briffa tat spjegazzjoni ta' kif il-PRS hadmu d-drittijiet b'mod approssimativ ghall-fini tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li nhareg kontestwalment mal-prezentata tar-rikors promotur odjern, u dan fin-nuqqas tal-konvenuti li jghaddulhom l-informazzjoni relattiva ghall-bejgh ta' biljetti tal-kuncert, effettivament it-talbiet attrici huma dawk ta' likwidazzjoni ta' drittijiet dovuti skont il-licenzja datata 11 ta' Gunju, 2010. Issa fil-*Copyright Music Permit* f'paragrafu numru 3 hemm stipulat: *"In consideration of the licence, the Licensee undertakes to pay a royalty of: 2.1 Live Concert 6% of admission receipts (plus VAT or equivalent tax levied as the point of sale where applicable) within 28 days of signing of this licence."* Din ir-rata ta' 6% tal-ircevuti tad-dhul hija dik rizultanti mit-Tariffa applikabbli ghal kuncert, kif pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Mejju, 2007, u approvata mill-Awtorita kompetenti, esebita in atti. Mix-xhieda ta' David Pollina, responsabbli mis-sistema tal-hrug tal-biljetti, il-bejgh ta' biljetti li servew bhala rcevuta ta' dhul kien jammonta ghal €343,250. Skont il-kalkoli ta' Briffa, minn dan l-ammont irid jitnaqqas 5% VAT (li hija r-rata applikabbli ta' VAT dovut fuq kuncerti). Ghalhekk irid jitnaqqas l-ammont ta' €17,162.50 sabiex jifdal bilanc ta' €326,087.50, li meta jigu kkalkolati d-drittijiet dovuti fuq dan l-ahhar ammont, bir-rata ta' 6%, jwassal ghal €19,565.25. Ma'

dan l-ammont irid jizdied il-VAT bir-rata ta' 18%, ossia €3,521.75, sabiex b'hekk l-ammont dovut lill-PRS huwa dak ta' €23,087 (VAT inkluz). Dan l-ammont fil-verita huwa tassew vicin ghal dak ikkalkolat mill-istess socjeta attrici.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jirrizultax li hemm il-htiega li din il-Qorti tinoltra ruhha fit-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici, ghat-talba ta' likwidazzjoni ta' danni dovuta minhabba trasgressjoni tad-drittijiet tal-awtur in vista tal-esekuzzjoni fil-pubbliku tax-xoghlijiet musikali waqt il-kuncert ta' Rod Stewart, jew tal-eccezzjonijiet li tressqu fir-rigward. Dana peress li l-kuncert kien validament kopert bil-permess mehtieg mahrug mill-PRS u in konsiderazzjoni ghall-hrug tal-istess permess jew licenzja, l-PRS ghandha dritt tippercepixxi r-*royalties* pattwiti, kif appena spjegat.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chatham u Jennifer Farrugia bhala socji tas-socjeta civili bl-isem RS and Partners li mhumiex legittimi kontradittturi tas-socjeta attrici u ma ghandhom ebda relazzjoni guridika maghha, kif ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Roy Steer, li l-ftehim PRS-3 huwa *res inter alios acta* ghalih u ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

Tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici, limitatament fil-konfront tal-konvenut Karl Borg, u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-istess konvenut Borg, salv id-dritt ta' rivalsa li l-istess Karl Borg jista' jkollu fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

Tillikwida u tikkundanna lill-konvenut Karl Borg ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €23,087 (VAT inkluz) bhala drittijiet dovuti lilha in konnessjoni mal-kuncert ta' Rod Stewart. Bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu, 2011.

Tastjeni milli tiehu konjiizzjoni tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici, u tal-bqija tal-eccezzjonijet tal-konvenuti.

Spejjez ghall-konvenut Karl Borg, b'dan illi l-ispejjez tal-konvenuti l-ohra ghandhom jibqghu a karigu tas-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur